Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2014

Appell Kriminali Numru. 256/2013

**Appell Nru. 256/2013**

**Il-Pulizija**
**(Spt. Ramon Mercieca)**
**Vs**
**Doreen (Maria Dolores) Cutajar**

**Illum 23 ta’ Jannar, 2014**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanta [detentrici tal-karta tal-identita` numru 490771 (M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fl-10 ta’ Lulju, 2011, bhala bejjiegh waqt il-festa tal-Gzira, naqset li taghti jew tipproduci ricevuta fiskali permezz ta’ cash register fiskali li jikkonforma mal-htigijiet specifikati fil-partita 10 tat-Tlettax-il Skeda li tinsab ma’ l-Att ta’ l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta’ provvista, skond il-kumpens lilha mhallas ghal dik il-provvista, u dan bi ksur tal-partiti 1, 2, 3 u 10 ta’ l-


Qrati tal-Gustizzja

imsemmija Skeda u l-artikoli 51 u 77 (a) u (e) u 81 u 82(2) ta' l-Att Nru. XXIII ta' l-1998.
U aktar talli fl-istess zmien u fl-istess post, naqset jew hi jew impjegati taghha jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom taghha, li taghti jew tipproduci ricevuta ta' taxxa f'ghamla li tigi provduta mill-Kummisarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta' provvista, skond il-kumpens lilha mhallas ghal dik il-provvista, u dan bi ksur tal-partiti 1 u 2 tat-Tlettax-il Skeda li tinsab ma' l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud u l-artikoli 51 u 77 (a) u (e) u 82(2) ta' l-Att Nru. XXIII ta' l-1998.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-22 ta' Mejju, 2013, li biha, wara li rat l-artikoli 51, 77(a)(e) u 82 u l-partiti 1,2, 3 u 10 tat-Tlettax il-Skeda tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellanta hatja ta' l-ewwel imputazzjoni u taghha kkundannatu multa ta' tmien mitt Euro, peress li t-tieni imputazzjoni hija alternattival ghall-ewwel wahda astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

Rat ir-rikors tal-appellanta minnha pprezentat fil-31 ta' Mejju 2013, li bih talbet li din il-Qorti joghgobha filwaqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata in kwantu ma haditx konjizzjoni ulterjuri tat-tieni akkuza, tirrevoka l-imsemmija sentenza in kwantu sabet lill-appellanta hatja tal-ewwel akkuza u kkundannataha ghall-hlas ta' multa ta' tmien mitt Ewro (€800) u joghgobha tilliberaha minn tli akkuza u, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti in kwantu sabet lill-appellanta hatja tal-ewwel akkuza dedotta kontra taghha, joghgobha tirriforma l-istess sentenza in kwantu jirrigwarda l-piena billi tinfliggi piena inqas harxa fuq l-appellanta.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanta esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-

Illi l-ewwel aggravju huwa illi i-Ewwel Qorti b’kull rispett naqset milli tiehu konjizzjoni sewwa ta’ kull difiza mqajma mill-appellanti fit-trattazzjoni tal-kaz quddiemha, u dan huwa rifless fl-istess sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti.

Illi l-ewwel linja difensjonali mqajma mill-appellanti kienet illi l-akkuza kif dedotta ma setghetx tirrizulta ghaliex l-imputazzjoni ma kinitx ikkwalifikata bil-hin u b’indikazzjoni appropja tal-lok li jindikaw meta u fejn suppost sehhet l-allegata offiza kriminali.

Illi l-Ewwel Qorti fis-sentenza taghha ghamlet is-segwenti konsiderazzjoni –

*“Illi l-artikolu 3 60(2) tal-Kapitolu 9 pero ma jsemmiex li citazzjoni ghandha tindika d-data lok u hin; din id-dispozzizzjoni tal-Ligi tipprovdi li c-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuza, bil-partikularitajiet ta’ zmien u ta’ lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw. Konsegwentement dak li ghandu jkun fiha c-citazzjoni hu partikolaritajiet ta ‘ zmien (mhux hin) u lok.*

*Illi dawn il-partikolaritajiet huma elenkati ghaliex ic-citazzjoni ssemmi iz-zmien: 10 ta’ Lulju 2011; u lok. waqt il-festa tal-Gzira. Ic-citazzjoni taghti ukoll bizzejjed dettalji biex l-imputat ikollu idea cara tal-kaz li huwa kien imsejjah biex jirrispindi ghalih quddiem din il-Qorti. Ghalhekk ir-rekwiziti ta ‘l-imsemmi artikolu 630(2) huma sodisfatti.”*

Illi l-linja difensjonali mressqa mill-appellant quddiem l-Ewwel Qorti kienet illi l-akkuza ma tistax tirrizulta kif dedotta. Id-dicitura tal-artikolu 360(2) tal-Kodici Kriminali hija fis-sens illi c-citazzjoni “ghandha” (u allura tassattivament - fil-verzjoni bil-lingwa Ingliza tintuza l-kelma “shall”) tindika l-partikolatritajiet ta’ zmien u ta’ lok. Issa z-zmien huwa definit bil-gurnata u l-hin mentri c-citazzjoni tindika biss il-gurnata minghajr ebda riferenza ghall-hin ta’ meta sehhet l-allegata offiza - lanqas riferenza minima dwar jekk dan sehhx flighodu, wara nofsinhar jew filghaxija. Dwar lok ma jissemma’ xejn ghajr li dakinhar kienet il-festa tal-Gzira (bla ma gie indikat

liema wahda mill-festi li jigu celebrati fil-Gzira) izda ebda indikazzjoni ta’ xejn tat-triq fejn saret l-allegata offiza kriminali u effettivament lanqas tal-post ghaliex il-post ma giex indikat u in oltre huwa ben risaput illi matul il-festa l-gabbani tal-ikel jarmaw matul ix-xatt kemm fil-lokalita’ tal-Gzira u kif ukoll f’din ta’ Sliema.

Illi ghalbekk l-appellanti thoss illi dan l-aggravju huwa wiehed gustifikat u ghandu jigi akkolt.

Illi l-linja difensjonali l-ohra kien dak tal-kunflitt fil-provi mressqa mill-prosekuzzjoni ghaliex a differenza ta’ dak imtenni fis-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti kien hemm kunflitt kbir u importanti bejn iz-zewg xhieda tal-prosekuzzjoni l-inspectors Kevin Mifsud u Carmel Dimech li ma qablux bejniethom dwar min effettivament ghamel il-bejgh u rcieva l-hlas u cioe’ jekk kienx l-appellanti odjerna jew inkella zewgha Publius Cutajar illi wkoll tressaq akkuzata bl-istess akkuzi u wkoll gie misjub
hati u mmultat.

Illi dan il-kunflitt fil-provi tal-prosekuzzjoni kellu jwassal biex jinholoq dubju ragjonevoli u huwa principju rassodat illi fil-kamp kriminali l-akkuzi jridu jigu ppruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni – in dubio pro reo. Dan il-kunflitt fil-provi tal-prosekuzzjoni l-appellant itenni illi kellu jwassal biex huwa jigi assolt minn kull imputazzjoni u htija ghaliex fil-kawzi kriminali kollha - inkluz dawk relattivi ghal akkuzi relatati mal-VAT - il-punt tal-partenza ghandu jkun dejjem dak tal-prezunzjoni tal-innocenza u m’hemm l-ebda prezunzjoni li jekk persuna tressaq akkuzat b’akkuzi relatati mal-VAT allura hemm xi prezunzjoni ta’ htija b’mod li allura l-oneru tal-prova jigi nvertit u huwa l-akkuzat li jrid jipprova li huwa innocenti flok vice versa.

Illi l-ahhar aggravju li qed jinghata b’mod sussidjarju jirirgwarda l-piena. Dan ghaliex dwar bejgh wiehed ta’ valur minimu bejn l-appellanti u zewgha (li wkoll qed jinterponi appell mis-sentenza tieghu) huma gew immultati komplessivament is-somma ta’ elf u sitt mitt Ewro (€1,600) liema somma l-appellant ihoss illi hija eccessiva u sproporzjonata.

Ikkunsidrat.

Irrizulta mill-provi illi fl-10 ta’ Lulju ta’ l-2011 waqt il-festa tal-Gzira, saret spezzjoni mill-Ispetturi tal-VAT fuq kiosk ta’ Publius Cutajar. Waqt l-ispezzjoni, l-Ispetturi nnutaw illi l-appellanta Doreen Cutajar, taghmel biegh ta’ sitt ewro li ghalih ma hargitx ircevuta. L-Ispetturi kkonfrontaw lill-appellanta b’dan il-fatt u hija harget ircevuta fuq talba ta’ l-Ispetturi. Wiehed mill-Ispetturi Kevin Mifsud qal illi kellmu lill-appellanta, filwaqt illi l-Ispettur l-iehor Carmel Dimech qal illi malli kkonfrontaw lill-appellanta Doreen, intervjena l-appellant Publius Cutajar u komplew jitkellmu mieghu. Iz-zewg Spetturi qablu pero illi raw il-biegh isir, raw illi ma thargitx ircevuta u din harget wara l-intervent taghhom.

B’sentenza moghtija fit-22 ta’ Mejju ta’ l-2013, il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellanti hatjin ta’ l-imputazzjonijiet dedotti kontra taghha u kkundannata ghal multa ta’ €800.

L-appellanta hassitha aggravata minn din is-sentenza u minnha interponiet appell peress illi derilha illi c-citazzjoni hija nulla ghaliex m’osservatx id-dettami ta’ l-Artiklu 360 (2) tal-Kodici Kriminali u t-tieni kien hemm konflitt fil-provi bejn iz-zewg VAT Inspectors Kevin Mifsud u Carmel Dimech, lil min effettivament kellmu. U fl-ahhar il-multa inflitta hija eccessiva u sproporzjonata u ghalhekk talbu r-revoka ta’ l-ewwel sentenza.

Ikkunsidrat.

L-ewwel Qorti kkunsidrat din l-eccezzjoni u waslet ghal konkluzzjoni illi ma kien hemm xejn hazin fic-citazzjoni li kellha dettalji bizzejjed biex l-imputata jkollha idea cara tal-kaz illi hija kienet imsejha biex tirrispondi ghalih quddiem din il-Qorti u cahdet din l-eccezzjoni. Fil-fatt l-ewwel Qorti kellha ragun. Fil-kawza l-Pulizija kontra Joseph Farrugia deciza fit-13 ta’ Jannar 1995, il-Qorti qalet “L-imputazzjonijiet m’hemmx ghalfejn ikunu redatti fil-kliem testwali tal-Ligi. L-uzu tal-kliem testwali tal-Ligi huwa mehtieg biss fil-kaz ta’ l-Att ta’ l-Akkuza migjuba

mill-Avukat Generali quddiem il-Qorti Kriminali. Fil-kaz tac-citazzjoni mahruga mill-Pulizija, din tirrikjedi biss li jkun fiha l-fatti ta’ l-akkuza (Artiklu 360 (2)) u dan bl-istess mod bhal meta tinqara l-akkuza fil-Qorti mill-Prosekuzzjoni, din l-akkuza jinhtieg li jkun fiha l-fatt tar-reat (Artiklu 374 (I) u Artiklu 375 (C)). Dawn il-fatti naturalment, iridu juru b’mod car ir-reat li tieghu l-persuna tkun qed tigi mputata, minghajr il-htiega ta’ gbid ta’ kliem jew imaginazzjoni, jigifieri b’mod illi l-imputat ikun jaf ta’ liema reat jew reati qed jigi akkuzat u ghal liema reat jew reati irid iwiegeb.” F’dan il-kaz, l-imputat kien jaf sew ghal liema reat jew reati jrid iwiegeb. Tant hu hekk, li ikkontesta l-akkuza u pprepara d-difiza tieghu fuq il-binajri illi dehrlu illi kienu l-aktar vantaggjuzi ghalih. L-appellant ilmenta mill-konflitt fil-provi, peress illi dehrlu illi l-VAT Inspectors taw verzjonijiet konfliggenti. Veru li rrizulta li l-VAT Inspectors ma qabblux dwar lil min effettivament kellmu, jekk mhux lill-appellant Publius Cutajar jew lil Doreen Cutajar. Pero t-tnejn qabblu fl-element kostitwiv ta’ dan ir-reat u cioe n-nuqqas ta’ hrug ta’ l-ircevuta fiskali wara biegh illi sar mill-kiosk taghhom.

U ghalhekk il-Qorti jidrilha illi l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, setghet ragonevolment u legalment tasal ghal konkluzzjoni illi waslet ghaliha. U ghalhekk mhux il-kaz illi tigi disturbata din il-konkluzzjoni. Ghal dawn il-motivi, taqta’ u tiddeciedi illi tichad l-appell, tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------